MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX)

# (GURISDIZZJONI SUPERJURI)

# (SEZZJONI GENERALI)

## MAGISTRAT DR.

## JOSETTE DEMICOLI

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2014

Citazzjoni Numru. 81/2011

**Maria Dolora sive Dolores Saliba**

**Vs**

**John Saliba**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors mahluf ta' Maria Dolora sive Dolores Saliba li jaqra hekk:

(1) Illi r-rikorrenti hija omm l-intimat John Saliba;

(2) Illi lejn is-sena 2008 l-intimat u martu Maryanne Saliba ghamlu xi zmien gejjin u sejrin fir-residenza ta' Maria Dolores Saliba sabiex jikkonvincu lir-rikorrenti li huma kienu qed jiehdu hsiebha u f'perjodu illi r-rikorrenti ma kinitx f'relazzjonijiet daqshekk tajbin ma' l-erba' uliedha l-ohra;

(3) Illi l-intimat u martu kienu jafu tajjeb illi r-rikorrenti kienet wirtet xi proprjeta' minghand xi familjari taghha u spiss kienu jghidulha sabiex din il-proprjeta' hija tiktibha lil John Saliba permezz ta' donazzjoni ghaliex altrimenti hu u martu kienu jghidulha li ma jibqghux jiehdu hsiebha u hija tibqa' wahedha;

(4) Illi stante li fis-sena 2008 r-rikorrenti gia kienet anzjana u kellha erbgha u sebghin sena (74) kliem l-intimat illi jekk ma tghaddilux il-proprjeta' huwa ma jiehux hsiebha kien jinkwieta ferm lir-rikorrenti li verament kienet qed tibza' li jekk ma taghmilx dak mitlub minnha hija ser tispicca wahedha minghajr hadd ma jiehu hsiebha mhux biss mil-lat ta' kumpanija izda wkoll mil-lat finanzjarju, dan anki in vista tar-realta' tal-fatti ta' dak iz-zmien, cioe' illi r-relazzjoni taghha ma' uliedha l-ohra ma tantx kienet tajba u kien baqghalha lill-intimat biss;

(5) Illi ghar-ragunijiet biss kif suesposti u mhux ghaliex ir-rikorrenti verament riedet, meta l-intimat, fuq inizzjattiva tieghu, iffissa appuntament ghand in-nutar sabiex issir id-donazzjoni, ir-rikorrenti hassitha mgieghla li tmur ghand in-Nutar u tiffirma kwalunkwe inkartament li jtuha ghaliex inkella kif kienu qalulha u heddewha l-intimat u martu, hija ma jkollhiex min jiehu hsiebha fi xjuhitha;

(6) Illi l-intimat ha lir-rikorrenti ghand in-Nutar fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Frar, tas-sena elfejn u tmienja (2008) u fl-istess data gie ffirmat kuntratt ta' donazzjoni in atti tan-Nutar Dottor Christian Zammit (Dok MS 1 anness), li bih ir-rikorrenti ddonat gratwitament u rrevokabilment ittrasferixxiet a favur tal-intimat, li bl-istess titolu ta' donazzjoni accetta u akkwista minghandha:

(i) Il-kwota ta' terza (1/3) parti ndiviza mil-lok ta' djar identifikat bin-numru civiku hmistax (15) sitwat fi Triq id-Dejqa, Xewkija, Ghawdex, kif ahjar deskritta fl-atti ta' l-istess kuntratt Dok MS1;

(ii) Il-kwota ta' sesta (1/6) parti ndiviza ta' bicca raba' sitwata fil-kuntrada ddenominata ossia 'ta' Karusa', fix-Xewkija, Ghawdex, tal-kejl intier ta' cirka mitejn u sittin metru kwadru kif ahjar deskritta fl-atti ta' l-istess kuntratt Dok MS1;

(iii) Il-kwota ta' terz (1/3) indiviz ta' bicca raba' sitwata fil-kuntrada ddenominata 'tal-Gruwa' ossia 'Ta' Hanzira' ossia tal-Wied ta' Mgarr ix-Xini fil-limiti tax-Xewkija, Ghawdex kif ahjar deskritta fl-atti ta' l-istess kuntratt Dok MS1;

(iv) Il-kwota ta' terz (1/3) indiviz ta' bicca raba' sitwata fil-kuntrada ddenominata 'ta' Bakkari' ossia 'Ta' Hanzira' fil-limiti tax-Xewkija, Ghawdex kif ahjar deskritta fl-atti ta' l-istess kuntratt Dok MS1;

(v) Il-kwota ta' terz (1/3) indiviz ta' bicca raba' sitwata fil-kuntrada ddenominata 'il-Blat tal-Kappuccel' ossia 'Tal-Wied tal-Ghawdxija' fil-limiti tal-Munxar, Ghawdex kif ahjar deskritta fl-atti ta' l-istess kuntratt Dok MS1;

(vi) Il-kwota ta' terz (1/3) indiviz ta' bicca raba' sitwata fil-kuntrada ddenominata 'tal-Widien' ossia 'Ta' Mgarr ix-Xini' fil-limiti tax-Xewkija, Ghawdex kif ahjar deskritta fl-atti ta' l-istess kuntratt Dok MS1;

(vii) Il-kwota ta' terz (1/3) indiviz ta' bicca raba' sitwata fil-kuntrada ddenominata 'Ta' Golin' fil-limiti ta' Ghajnsielem, Ghawdex kif ahjar deskritta fl-atti ta' l-istess kuntratt Dok MS1;

(viii) Il-kwota ta' terz (1/3) indiviz ta' bicca raba' sitwata fil-kuntrada ddenominata 'Ta' Golin' fil-limiti ta' Ghajnsielem, Ghawdex kif ahjar deskritta fl-atti ta' l-istess kuntratt Dok MS1;

(7) Illi sahansitra wara li sar il-kuntratt ta' donazzjoni u aktar specifikatament nhar id-9 ta' April 2008, l-intimat ukoll gieghel lir-rikorrenti tistitwixxi, a spejjez taghha, rikors guramentat fil-Qorti bin-numru (34/2008) sabiex il-proprjeta' hawn fuq deskritta ma tibqax indiviza mas-sidien l-ohra u allavolja skont il-kuntratt ta' donazzjoni hawn fuq imsemmi r-rikorrenti ma kinitx ghadha s-sid ta' bosta mill-proprjeta' involuta f'dik il-kawza (dettalji u decizjoni annessa dokument MS2 u MS3);

(8) Illi wara l-pubblikazzjoni ta' l-imsemmi kuntratt u l-prezentata tar-rikors guramentat hawn fuq indikat l-intimat tista' tghid mill-ewwel kellu xi jghid mar-rikorrenti u qata' kull kuntatt maghha tant illi llum hija spiccat minghajr ebda proprjeta', lanqas dar taghha fejn toqghod u qed tkampa biss grazzi ghall-ghajnuna finanzjarja li qed ituha uliedha l-ohra;

(9) Illi ghalhekk il-kunsens tar-rikorrenti fuq il-kuntratt imsemmi gie karpit bi vjolenza fuq ir-rikorrenti b'dana illi l-kunsens taghha ma kienx jiswa;

(10) Illi ghalhekk il-kuntratt imsemmi huwa null u bla effett;

L-attrici ghalhekk talbet lil din il-Qorti:

1. Tiddikjara li l-kunsens taghha fil-kuntratt iffirmat mill-partijiet fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Frar, elfejn u tmienja (2008) (Dok MS1 anness), li jinsab fl-atti tan-Nutar Dottor Christian Zammit, ittiehed bi vjolenza fuqha u ghalhekk ma kienx jiswa;

2. tiddikjara u tiddeciedi illi l-kuntratt iffirmat mill-partijiet fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Frar, elfejn u tmienja (2008) (Dok MS1 anness), li jinsab fl-atti tan-Nutar Dottor Christian Zammit, huwa null u nvalidu fil-ligi u konsegwentement bla effett.

Bl-ispejjez, u b'rizerva ghal kull azzjoni ohra fil-ligi kontra l-intimat li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata ta' l-intimat li permezz taghha eccepixxa:

Illi l-azzjoni attrici hija monka stante li ma gietx indikata s-sezzjoni tal-Qorti li fiha giet intavolata l-kawza;

Illi t-talbiet tal-attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-kuntratt tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Frar sar fuq insistenza tal-istess attrici u ghaldaqstant ma huwiex minnu li ttiehed bi vjolenza u dan hekk kif ser jigi pruvat ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat li fis-seduta tas-7 ta' Dicembru 2011 il-konvenut irtira l-ewwel eccezzjoni.

Semghet ix-xhieda.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**<u>Kunsiderazzjonijiet</u>**

Permezz tal-kawza odjerna l-attrici qeghdha titlob lil din il-Qorti tiddikjara null il-kuntratt ta' donazzjoni datat 28 ta' Frar 2008 peress li ssostni li l-kunsens taghha ttiehed bi vjolenza.

Ghalhekk fil-kaz tal-lum l-oneru tal-prova jispetta lill-attrici li tipprova l-vizzju tal-kunsens taghha abbazi ta` l-allegata vjolenza perpetrata fuqha mill-konvenut.

Qabel xejn irid jinghad li l-attrici hija omm il-konvenut. Hija wkoll omm ta' erbat itfal ohra. Fit-28 ta' Frar 2008 sar kuntratt ta' donazzjoni li permezz tieghu l-attrici ddonat lill-konvenut l-ishma spettanti lilha mill-immobbli msemmija fl-istess kuntratt.

Referenza ssir ghas-sentenza fl-ismijiet **Emanuel Santillo et vs Albert Abela et**[1]

*Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri tat-3 ta` Novembru 2004 fil-kawza "Avallone vs Agius" inghad hekk –*

*"Dan premess jifdal x`jigi konsiderat l-aggravju ta` l-appellanti dwar l-allegata vjolenza perpetrata fuqha mill-attur fl-okkazjoni ta` meta hi kitbet u ffirmat id-dikarazzjoni li permezz taghha rrikonoxxiet is-self lilha maghmul. B`dan l-aggravju, bazat kif inhu fuq it-tieni eccezzjoni taghha, l-appellanti qeghda tivvanta li dak id-dokument ma ghandu l-ebda forza vinkolanti ghax vizzjat minn effetti tal-vjolenza adoperata. B`din id-deduzzjoni l-appellanti tapporta s-sitwazzjoni taghha ghal dak stabbilit fl-Artikolu 974 tal-Kodici Civili, u cjoe, "jekk il-kunsens ikun gie moghti bi zball, jew mehud bi vjolenza, jew b`ghemil doluz, ma jkunx jiswa." Dan kif ulterjorment amplifikat fl- Artikolu 978 tal-Kapitolu 16. Vjolenza din illi, jekk provata, iggib in-nullita` tal-konvenzjoni maghmula. Dan minhabba l-inezistenza assoluta tal-kunsens; Anke hawn pero` jinsab precizat illi "il-kwestjoni jekk hemmx vjolenza hija ndagini li hija mhollija interament fil-prudenza tal-gudikant" (Kollez. Vol. XXIX P II p 749)".*

---

[1] Rik Nru: 730/08JZM deciza fl-14 ta' Frar 2013

*Fis-sentenza taghha fil-kawza "Busuttil noe vs Zahra" deciza minn din il-Qorti (PA/TM) tal-25 ta` Marzu 2004, din il-Qorti qalet hekk –*

*"Skont il-gurisprudenza lokali, "biex il-vjolenza morali tammonta ghall-vizzju tal-kunsens hemm bzonn li tkun determinanti, ingusta u gravi u tali li taghmel impressjoni fuq persuna ragonevoli u li tiggenera l-biza` li tesponi ngustament lill-persuna taghha jew il-gid taghha ghal danni gravi. Il-kwistjoni jekk hemmx vjolenza hija ndagini li hija mhollija nterament fil-prudenza tal-Qorti" – "Aquilina vs Ganado", deciza mill-Onorabbli Qorti ta` l-Appell fis-16 ta` Gunju, 1995. Din il-Qorti fil-kawza "Grech vs Farrugia" deciza fit-3 ta` Mejju, 1993, osservat li l-vjolenza bhala vizzju tal-kunsens irid ikun determinanti u jimmanifesta minacci veri u serji lill-persuna tal-komparenti jew tal-familja tieghu, u qatt ma giet estiza b`mod li tnehhi l-bargaining power li jista` jkollu kontraent fuq iehor. Fil-fatt, f`dik il-kawza, il-kontraent kreditur, rinfaccjat b`talba mid-debitur li jixtri flat li sa dak iz-zmien kellu taht idejh b`kera li kienet se tiskadi, indika bic-car li ma riedx jikkontempla dak il-bejgh jekk id-debitur ma jirrikonoxxix id-dejn li kellu fuq skrittura. Din il-Qorti osservat li l-firma tal-konvenut debitur fuq l-iskrittura ma` tista` qatt tigi annullata fuq bazi ta` vjolenza Hekk kif qalet l-Onorabbli Qorti ta` l-Appell fil-kawza "Camilleri vs Vella", deciza fid-9 ta` Gunju, 2003, l-istat ta` ansjeta u turbulenza tal-persuna ma jfissirx li l-kunsens ikun vizzjat, ghax fin-nuqqas ta` prova ta` theddieda ta` vjolenza fizika impellenti, darba li jirrizulta li l-kontraent kien jaf x`inhu jaghmel, il-kuntratt m`ghandux jithassar."*

*Fis-sentenza ta` din il-Qorti tas-6 ta` Marzu 2003 fil-kawza "Farrugia vs Farrugia" (PA/RCP) inghad hekk –*

*"Illi l-kawza odjerna hi bbazata fuq l-artikolu 974 sal-981 tal-Kodici Civili, Kap.16 tal-Ligijiet ta` Malta. L-attur, di fatti, qed isostni li l-kunsens tieghu ghall-kuntratt tas-separazzjoni gie mehud bi vjolenza, b`ghemil doluz u gie moghti bi zball. Illi kif inghad fis-sentenza "Godfrey Aquilina noe vs Vincent Borg et" (A.J.M. 10 ta` Marzu 1997 – Vol XXXI.III.44), il-"kuntratti u konsegwentement l-obbligazzjonijiet naxxenti minnhom, jistghu jigu rexissi jekk jonqos xi wiehed jew izjed mill-elementi essenzjali mehtiega ghall-validita` ta` kuntratt u cjoe` kapacita`, kunsens, oggett u kawza lecita". llli ghalhekk il-kunsens ta` l-obbligat huwa element essenzjali ghall-ezistenza ta` obbligazzjoni. Illi skond l- artikolu 974 tal-Kap 16 jinghad li:- "Jekk il-kunsens ikun gie moghti bi zball, jew mehud bi vjolenza jew b`ghemil doluz, ma jkunx jiswa".*

*(A) BI VJOLENZA*

*Illi l-artikolu 978 (1) ighid hekk: "Il-kunsens jitqies mehud bi vjolenza meta l-vjolenza hija tali li tahkem fuq persuna ragonevoli u ggieghlha tibza` li hija nnifisha jew hwejjigha jistghu jigu mqieghda ghal xejn b`xejn f`perikolu ta` hsara kbira".*

*(2) F`dawn il-kazijiet ghandhom jitqiesu l-eta`, is-sess u l-kundizzjoni tal-persuna".*

*Illi fil-kaz "Edgar G Soler noe vs H. H. Sir David Campbell noe" (Vol XXXIII.II.431) inghad:- "Illi skond il-ligi, il-vjolenza hija kawza ta` nullita` tal-kuntratt ghaliex tostakola l-liberta` tal-kunsens. Il-vjolenza tikkonsisti f`vie di fatto jew minacci ezercitati kontra persuna biex jigi minnha karpit il-kunsens li hija ma tridx taghti. Hu pero` necessarju li l-vjolenza morali tkun il-kawza determinanti tal-kuntratt; jigifieri biex kuntratt ikun suxxettibli li jigi annullat minhabba l-vjolenza jehtieg li lkunsens ta` wahda mill-partijiet ikun gie estratt bi vjolenza; fi kliem iehor li l-kunsens ikun il-frott ta` vjolenza ezercitata li tottjeni dak il-kunsens u mhux ir-rizultat accidentali ta` vjolenza ezercitata biex jigi raggunt skop divers. Mhux bizzejjed li l-kunsens jigi moghti u l-kuntratt ikun sar taht pressjoni ta` forza nsormontabbli ghal dak li jkun ta l-kunsens; ghaliex dik il-forza tista` tkun forza natura li u nkonxjenti, u ghalhekk proprjament ma jkunx hemm vjolenza mill-punto di vista guridiku. Il-vjolenza trid tkun l-opera ta` persuna li tezercitaha biex tottjeni l-kunsens".*

*Illi wkoll fis-sentenza "Rosario Bartolo vs Giovanni Bartolo" (Vol XXIX.II.749) intqal is-segwenti:-*

*"Biex il-vjolenza morali tammonta ghall-vizzju tal-kunsens hemm bzonn li tkun determinanti, ingusta u gravi u tali li taghmel impressjoni fuq persuna ragonevoli u li tiggenera l-biza` li tesponi ingustament lill-persuna taghha jew il-gid taghha ghal dannu gravi ... ... Il-kwistjoni jekk hemmx vjolenza hija ndagni li hija mhollija nterament fil-prudenza tal-gudikant" llli fid-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet "Frank Xavier Aquilina vs Carlo Leone Ganado et" (16 ta` Gunju 1995 – Vol LXXIX.II.561) gie sostnut li:- "Hu car pero` illi l-ezercizzju ta` dritt jew anke l-pretenzjoni ta` dritt kontra terz fl-ambitu ta` proceduri gudizzjarji bl-ebda mod ma jista` jitqies bhala element kostituttiv ta` vjolenza morali fit-termini tal-ligi. Fejn dak id-dritt jezisti ...... il-kreditur kien pjenament gustifikat li jezercitah u d-debitu ma jistax javvanza l-pretensjoni li l-effett negattiv ta` l-ezercizzju ta` dak id-dritt kien tant serju li seta` jigi kkwalifikat bhala xi forma ta` vjolenza morali fuqu".*

*Fis-sentenza taghha tat-12 ta` Dicembru 2002 fil-kawza "Calleja vs Buttigieg" il-Qorti ta` l-Appell Inferjuri issottolineat illi –*

*"Issa f`termini legali biex dan it-"theddid" jew "pressjoni" jista` jwassal ghall-vizzju tal-kunsens hemm bzonn li dan jahkem fuq persuna ragjonevoli u ggeghla tibza` li hija innifisha jew hwejjigha jistghu jigu mqeghda ghal xejnb`xejn f`perikolu ta` hsara kbira (Art 978 (1) Kodici Civili). Jinghad illi*

*biex dan jissucciedi t-theddid li jivvizzja l-kunsens irid ikun determinanti, ingust u gravi ("Emmanuel Falzon –vs- Anthony Farrugia, Appell, 21 ta` April 1997). Minn dak rakkontat mill-appellanti ma jirrizultax illi l-kondizzjoni mentali taghha meta ffirmat kien talment agitat minn xi "grave lesione dell`integrita fisica e morale" (Vol XXIX pII p749), "ingiusta ed illegittima" (Vol XXVIII pIII p878). Fir-realta` hi baqghet inattiva ghall-ahhar. Dan isib spjega ukoll pjuttost fl-impressjoni ta` dak ravvisat fissentenza,"Giuseppe Tirchett et –vs- Giorgio Mangion", Appell Civili, 22 ta` Mejju 1931, u cjoe li "in quel momento fu libero di scegliere quell`atto od uno diverso, ma solo scelse quello per contentare H H. o per vivere in pace e non avere dei contrasti H H". (ara wkoll – "Aquilina vs Farrugia noe" : PA/RCP : 22 ta` Mejju 2001 ; u "Eurobridge Shipping Services Limited vs Scicluna" : PA/GV : 30 ta` April 2001)"*

Fuq l-assjem tal-provi, meqjusa fl-isfond tal-insenjamenti gurisprudenzjali fuq citati , din il-Qorti mhijiex sodisfatta illi l-attrici ghamlet il-prova sal-grad rikjest mil-ligi illi meta sar il-kuntratt ta` donazzjoni, mertu ta' din il-kawza, il-kunsens taghha kien ivvizzjat minn vjolenza. Dan qieghed jinghad ghas-segwenti ragunijiet:

- L-attrici fl-affidavit taghha[2] xehdet li ftit wara li hija wirtet xi proprjeta' wara l-mewt ta' huha Grezzju, il-konvenut u martu bdew imorru jarawha u jsemmulha l-proprjeta' u jghidulha biex tikteb din il-proprjeta' fuqhom ghaliex uliedha l-ohra ma kienux igibulha rispett. Infatti f'dawk iz-zminijiet ma kinitx f'relazzjoni tajba ma' l-erba' ulied l-ohra. Hija tixhed li kienet fehmet li kellha thallilhom il-proprjeta' fit-testment. Tghid li huma kienu jinsistu li tiktbilhom il-proprjeta' ghaliex altrimenti ma kienux se jiehdu hsiebha. Hija tghid li dak iz-zmien bdiet tibza' li vera se tibqa' wahedha ghaliex kellha madwar 75 sena. Damu sejrin biha sentejn u darba minnhom iffissaw appuntament ghand in-Nutar. Tghid li meta marret ghand in-Nutar kienet tifhem li se taghmel testment izda sabet li kien se jsir kuntratt ta' donazzjoni u hija bezghet topponi lil John ghax kienet tibza' li ma kienx ikollha fejn toqghod u min jiehu hsiebha. Xehdet li binha kien qalilha biex ma tghid lil hadd u ftit wara huwa u martu haduha ghand l-avukat Refalo biex tinfetah kawza fuq il-proprjeta' li giet trasferita lil John bi flusha. Xehdet li ftit wara, il-konvenut mar ghandha u sawwatha ghalkemm rapport m'ghamlitx.

- In kontro-ezami[3] madankollu hareg li *"Qed nigi mistoqsija jekk dakinhar tal-kuntratt kif kienet l-atmosfera, x'diskors intqal u qed jigi ssuggerit lili li fil-fatt l-atmosfera kienet wahda fejn bhal kif kont imdorrija solitament illi jiena u Mary Anne[4] konna qeghdin niccajtaw, nghid illi iva dak il-hin kollox kien sew. Waqt il-kuntratt ma kien inqala' xejn. Nghid illi dak il-hin kont kuntenta".*

- L-attrici kkonfermat li qabel l-2008 ir-relazzjoni taghha mal-konvenut u martu kienet wahda tajba u mat-tfal l-ohra le. Infatti kkonfermat li hija kienet titkellem b'mod dispreggjattiv fil-konfront tat-tfal l-ohra.

---

[2] A fol 41 tal-process
[3] Seduta tat-23 ta' Ottubru 2012
[4] Mart il-konvenut

- In kontro-ezami wkoll l-attrici xehdet li l-konvenut u martu ma riduhiex tkellem lit-tfal l-ohra u lil hadd u gellduha minn ma' kulhadd. Madankollu dan jikkuntrasta ma' dak li l-istess attrici wkoll xehdet in kontro-ezami fis-sens li meta kienet tghix Malta hadd mit-tfal ma kien imur jaraha hlief xi kultant mart il-konvenut. U meta kienet titla' Ghawdex ta' spiss MaryAnne kienet tmur ghaliha x-Xatt u toqghod iddawwarha anki jekk xi drabi kienet tikkumpensaha billi ttiha xi affarijiet tad-dar.

- Oltre' dan bintha Josephine Ciantar[5] tikkonferma li fiz-zmien li sar il-kuntratt ma kellhiex relazzjoni tajba m'ommha u lanqas kienet taf li ommha kienet giet tghix Ghawdex. Infatti ghalkemm hija kienet iccempel lil ommha din ta' l-ahhar ma kinitx tkellimha dejjem.

- In kontro-ezami wkoll l-attrici xehdet is-segwenti: *"Nikkonferma illi l-appuntament ghand in-Nutar kont jiena illi ghamiltu, mhux se jaghmluh huma. Naqbel ukoll illi din ma kinitx l-ewwel darba li jiena mort ghand in-Nutar Christian Zammit u dan peress li kont ghamilt id-denunzja ta' hija. Mistoqsija meta morna ghand in-Nutar, in-Nutar kienx spjegali l-options kollha biex jiena niknes din il-proprjeta' minn fuq ismi, nghid illi iva kien spjegali. In-Nutar kien staqsieni jekk jiena kontx ha naghti din il-proprjeta' lil dawn u jekk kellix tfal izjed, jiena dak il-hin ghidtlu lil dawn, pero' mbaghad meta mort lura d-dar bdejt ninkwieta u bdejt nghid x'ghamilt b'idejja. Jiena nikkonferma illi jiena lin-Nutar ghidtlu 'iknes kollox minn fuqi u nhalli lil dawn ghaliex lill-ohrajn ma rrid nhallilhom xejn.*

  ***Qed jigi suggerit lili illi fil-fatt jiena meta dakinhar kont qed niffirma kont naf x'qed niffirma u nghid illi iva kont naf li qed niffirma u qed jigi ssuggerit lili li fil-fatt kien biss wara xi zmien illi jien iddispjacini minn dak li ghamilt u ridt inhassar, u nghid illi iva qed naqbel u dan qed nghidu peress illi wara li ffirmajt dan il-kuntratt huma kienu jiggieldu mieghi u johduha kontra tieghi. Fuq domanda tal-Qorti, lili x'geghlni biex jiena nitlob appuntament ghand in-Nutar, nghid ghaliex huma kienu jiehdu hsiebi u wkoll huma kienu nsistew illi jiena nhallilhom, nikteb lilhom biss, effettivament gieghluni. Qed nigi mistoqsija x'ghamlu biex gieghluni, nghid ghaliex huma qaluli 'min jiehu hsiebek trid tiktiblu'. Nikkonferma li dan biss kien illi ghamlu biex geighluni[6].*** *Jiena nikkonferma illi jiena lin-Nutar ghidtlu li ridt niknes il-proprjeta' minn fuq ismi ghal fuqhom u dan peress illi jiena kont nibza' minnhom u dak illi kienu jghiduli jiena kont naghmlu.*

  ***Mistoqsija mill-Qorti, qabel ma gie ffirmat il-kuntratt x'kien ghamel il-konvenut u martu biex jiena nibza' minnhom, nghid illi ma jidhirli li kienu ghamluli xejn, kien biss wara l-kuntratt illi ma bdewx jaghtuni wicc. Nghid illi wara l-kuntratt u wara li ibni John tani fuq rasi, jiena bdejt nibza' illi ma kienx se jkolli fejn immur".***

---

[5] Affidavit a fol 44 tal-process u kontro-ezami fis-seduta tal-15 ta' Frar 2013
[6] Enfasi tal-Qorti

- Sinifikattiva wkoll ix-xhieda tan-Nutar Christian Zammit[7] li ppubblika l-kuntratt inkwistjoni. Huwa spjega li ghandu kienu marru l-attrici u mart il-konvenut. Huwa xehed li l-attrici qaltlu *"jiena ma rridx naf bit-tfal", "jiena lil dan biss ghandi"* ghaliex huwa biss kien gabilha rispett u li mnalla sabet lilu. Qaltlu li ma riditx taf bl-ohrajn u li riedet tiknes kollox fuq il-konvenut. Huwa xehed hekk testwalment:

  *"Ghidtilha 'isma', ghidtilha, u jien ovvjament bhal kull kaz iehor meta jiguni nies jghiduli rrid naghti kollox lit-tifel, nghidilha 'hemm zewg modi kif taghti, ghandek mod b'testment li inti tikteb testment u ovvjament jithalla kollox fuqu once li inti tghaddi ghad-dinja l-ohra u ghandek ovvjament il-kuntratt ta' donazzjoni li permezz tieghu l-proprjeta' ssir tat-tifel immedjatament mal-firma, dak il-hin li tiffirma l-kuntratt'. Qaltli 'le', qaltli 'lili trattawni ta' zibel l-ohrajn', niftakar jigifieri li anki kienet tirreferi ghalihom b'mod dispreggjattiv it-tfal l-ohra, qaltli, 'imnalla sibt lil dan', qaltli 'kieku spiccajt got-triq kieku ma kienx dan', qaltli 'irrid nitfa' kollox minn issa fuq dan'.*

  In-Nutar xehed ukoll li l-attrici kienet mghaggla biex il-kuntratt jigi ppubblikat. Ikkonferma li dejjem marret ma' mart il-konvenut u l-konvenut ghall-iffirmar biss mar. Xehed li l-attrici u mart il-konvenut dejjem jiccacraw u sahansitra kienu talbuh abbozz tal-kuntratt.

- Mir-rizultanzi processwali ghalhekk irrizulta li jista' jaghti l-kaz li l-konvenut u martu nsistew maghha biex taghtihom il-proprjeta' pero' b'mod tali li ma tammontax ghall-vjolenza. Infatti l-attrici stess tammetti li huma qalulha biss dan id-diskors u xejn aktar. M'hemmx dubju li l-attrici kienet taf x'inhi taghmel u ghamlitu minn jeddha ghaliex dak iz-zmien hija ma kellhix relazzjoni tajba ma' wliedha l-ohra u riedet tikkumpensa lill-konvenut u martu. Infatti rrizulta li r-relazzjoni hazina ma' wliedha l-ohra tirrisali ghal ferm qabel ma hija telghet toqghod Ghawdex wahedha u mhux kif sostniet li ma kinitx tkellimhom ghax mart il-konvenut kienet twissiha biex ma tkellimhomx. Ghalkemm dak iz-zmien tal-kuntratt hija kellha madwar 74 sena l-attrici anki waqt li xehdet quddiem din il-Qorti dehret li hija persuna li tkun konsapevoli ta' x'inhu jigri u hija mara li ghandha karattru sod u mhux xi persuna li facilment iddawwarha kif trid.

- Huwa minnu li mart il-konvenut dejjem marret maghha ghand in-Nutar imma huwa evidenti li dak iz-zmien dawn kienu f'relazzjoni tajba hafna tant li dejjem jiccacraw u n-Nutar mhux biss spjegalha x'kien qieghed jigri u x'seta' jsir talli anki abbozz tal-kuntratt kellha f'idejha.

- Il-verita' hija li wara d-dizgwid li nqala' bejn l-attrici, il-konvenut u martu, hija ddispjaciha b'li kienet ghamlet partikolarment meta r-relazzjoni taghha ma' wliedha l-ohra marret ghall-ahjar. L-attrici tirreferi ghall-episodju fejn il-konvenut refa' jdejh fuqha. Mhux car l-incident kif sehh pero' huwa deplorevoli u ta' min jikkundannah jekk

[7] Seduta tas-16 ta' Frar 2012 a fol 53 et seq

verament sehh. Izda fi kwalunkwe kaz id-data li tirreferi ghaliha l-attrici huwa ferm wara l-pubblikazzjoni tal-kuntratt u kwindi ma jaghtix lok li l-istess kuntratt jigi dikjarat null.

Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel eccezzjoni stante li din giet irtirata, tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-konvenut, tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kollha kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------